# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2012 fil-5.00p.m.
Il-Ħadd 4 u 18 ta' Novembru 2012 fit-3.30p.m.
Il-Ħadd 2 u 16 ta' Diċembru 2012 fit-3.00pm
Il-ħadd 6 u 20 ta' Jannar 2013 fit-3.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u YouTube: Guza Mifsud

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 92 OTTUBRU 2012 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Emeritus, jirċievi l-offerti minn qraba ta' Ġuża Mifsud waqt il-funeral tagħha li sar fit-30 ta' Ottubru 1996.***

## ĠUŻA MIFSUD F'DAR IL-ĦALLIEQ

Ġuża Mifsud ħalliet dan il-wied ta' dmugħ fit-28 ta' Ottubru 1996. L-għadha tal-mewt tagħha, bil-permess ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. tqegħdet fil-kappella ta' San Ġwann li hemm fil-pjazza tas-Siġġiewi, minn fejn l-Erbgħa 30 ta' Ottubru telaq il-korteo għall-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi fejn ingħatat l-aħħar tislima f'quddiesa ċċelebrata minn Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Emeritus. Fost affarijiet oħra, fl-omelija, Mons. Xuereb qal hekk: "Meta nhar it-Tnejn li ghadda, 28 ta' dan ix-xahar waslitni l-aħbar tal-mewt ta' oħtna Ġuża, dlonk ġieni quddiemi l-kwadru li jinsab fil-Kurja ta' l-Arċisqof fil-kappella ta' San Kalċedonju

impinġi minn Antonio Favrey, wieħed mill-pitturi kbar li kien hawn hawn Malta, pittura li tirrapreżenta l-mewt tal-patrijarka San Ġużepp. Pittura li turi s-serenita, il-kalma li biha San Ġużepp għadda mid-dinja għall-oħra, min-naħa Ġesù u min-naħa l-oħra l-Gran Verġni Marija. U dan il-kwadru ġieni quddiemi għaliex hekk hija l-mewt tal-qaddisin. Il-mewt tal-qaddisin hija serena, hija kalma, hija fil-paċi, jafu li ser imorru f'dar il-Missier tas-sema għaliex aħna ma għandniex għamara hawn li tibqa' għal dejjem imma aħna pajżani tas-sema pajjiżna…

Ġuża kompliet sa l-aħħar bis-serenita kollha tistenna l-ġurnata li fiha, il-mument li fih kellu l-Mulej isejjħilha għal ħdanu, tant li dik il-ġurnata stess filgħodu kienet qegħda tifhem illi s-saħħa qegħda tħalliha bil-mod il-mod, li ma kienx iżjed il-mument li tibqa' waħedha u kienet qegħda tipproġetta biex tmur f'dar ta' l-anzjani, u proprju meta kienet qegħda tipproġetta biex tmur f'dar tal-anzjani qisu l-Mulej riedha tibqa' f'darha, proprju meta ser tmur il-Mulej sejħilha għal ħdanu, imma hi laqgħet il-mewt bl-akbar serenita, u hija ħaġa ovvja, għaliex Ġuża ma kelliex rabtiet mad-dinja. Il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, m'hu ser iħallu xejn warajhom…

Imma rridu jew ma rridux meta tiġi l-mewt, meta tiġi biex taħsadna minn din il-ħajja, aħna rridu nbaxxu rasna għall-ordni tagħha. Għalhekk il-qalb tagħna rridu noqogħdu attenti li ma nħalluha tintrabat ma' xejn, tintrabat ma' Alla, tintrabat mal-Madonna u dawn ir-rabtiet li kellha Ġuża, ir-rabta ma' Alla. Niftakar li madwar għaxar snin ilu, fis-sena 1987, kont Vigarju l-Kurja, Ġuża ġiet flimkien ma' Monsinjur Grima biex tarani u biex naturalment nagħti s-siġill uffiċċjali tad-dehriet li kellha mill-Madonna, li kienet tallega li kellha mill-Madonna. Dan ma stajtx nagħmlu jien, dan ma tistax tagħmlu l-Knisja. Il-Knisja l-proċedura tagħha hija proċedura ta' eżami rqiq, ta' eżami fin qabel ma tasal għad-deċiżjoniet tagħha. Pero jiena għedtilha biex tkompli tkabbar in-numru ta' dawk l-erwieħ li jridu jitqaddsu, jersqu lejn Ġesù permezz ta' Marija Santissima. Ħarġet hi u kellimni Mons. Grima waħdi u qalli: "Ilni ħafna nidderiġi erwieħ, imma ruħ mistika bħalma kienet ta' Ġuża, bħalma hi ta' Ġuza qatt ma ltqajt magħha." Kellu din l-idea sublimi ta' din ir-ruħ marbuta intimament ma' Alla, marbuta kompletament u intimament mal-Mulej…

Bħalma kellha rabta kbira ma' Ġesù , Ġuża kellha rabta kbira ma' Ommna Marija Santissima, u lkoll aħna xhieda ta' kemm mexxiet id-devozzjoni, ta' kemm ħabirket biex l-erwieħ jikkonsagraw irwieħhom lill-Marija Santissima u permezz tal-Madonna lil Ġesù, għaliex dan huwa



t-tagħlim tal-Knisja, *ad Jesum per Mariam,* għal għand Ġesù permezz tal-Madonna…

Lejn Ommna Marija Santissima Ġuża tgħid li kellha u ċertament kellha magħha intimita kbira u rrid nifhem jiena illi llum twettqet ix-xewqa kbira tagħha. Meta mort naraha fil-kappella hawnhekk fil-viċin xtaqt illi nkantaw flimkien "O kemm nixtieq narak, O ħelwa tiegħi Marija."…

Kemm tixtieq tara l-Madonna, u llum ċerti li tinsab ħdejn il-Madonna. J'Alla tiġi l-ġurnata li flimkien, bħal Ġuża, għaliex inkunu ħabbejna lil Marija Santissima ningħaqdu magħha u mal-qaddisin fis-sema, fejn Alla l-imbierek ikun il-feliċita tal-qalb tagħna għal dejjem. Hekk Ikun."

## KELMTEJN MINN FR. EUSEBIO DEBONO

Matul il-laqgħa tat-2 ta' Settembru 2012 inqara messaġġ li Ġuża Mifsud kienet irrekkordjat f'Settembru 1993 u li jinsab f'paġna dsatax tas-Sitt Ktieb. Silta qasira minn dan il-messaġġ tgħid hekk: "Il-Madonna qaltli, 'Tinkwetax u kompli tkellem fuq dan li ħa ngħidlek għaliex dan li jiena qegħda nagħmel ġo Malta u li l-Mulej inqeda bik, dawn huma affarijiet ta' l-imħabba t'Alla.'… Nitolbu u nishru aħna ta' rieda tajba, nagħmlu penitenzi lill-Mulej Alla quddiem il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, nitolbu bir-rużarju mqaddes tal-Madonna. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jilluminana fit-tajjeb u jwarrbilna kemm jista' l-ħażen, u kemm jista' jkun ninġibdu ma' ħabel wieħed, tislima waħda, it-tislima tal-glorja t'Alla, it-tislima tal-paċi…"

Inqrat ukoll din is-silta mill-ittra lil Timotju, " Niżżi ħajr lil Kristu ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu, lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu. Iżda sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont naf, billi kont għadni bla fidi. Anzi lili l-grazzja ta' Sidna kienet mogħtija bil-kotra, flimkien mal-fidi u ma' l-imħabba, li hi fi Kristu ġesù. Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għal kollox: li Kristu ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed…"

Fid-diskors tiegħu għal dakinhar, Patri Ewsebio Debono, Tereżjan, għamel dawn l-osservazzjonijiet: "Dak li nqara mill-ittra lil Timotju esperementajnih illejla fil-qari li qrat Sylvana minn ktieb sitta ta' Guza. San Pawl fil-bidu ta' l-ittra li qrajna silta minnha llejla qed jirringrazzja lil Alla li minkejja li kien persekutur, minkejja li *within brackets* kien jobgħod lil Ġesù Kristu u lil dawk li jsegwuh, Alla kellu hniena minnu u flok warrbju għażlu biex ikun appostlu tiegħu.

Hija missjoni li ma naghħżluhiex aħna b'idejna, hija missjoni li jagħtihielna Alla. Is-silta li nqrat illejla ta' Guza hi sabiħa ħafna. Din il-mara bla skola, bla intelliġenza kbira ġiet magħżula mill-Madonna, u kif qrajna mibgħuta minn Alla, biex tħabbar il-kelma t-tajba. Is-sejħa hija ġejja minn Alla u Alla jsejjaħ lil min irid. Pero aħna jrid ikollna bħalma qalilna l-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II, qalbna miftuħa għall-kelma t'Alla. Anka aħna għandna dmir bħala nsara illi niddefendu l-prinċipji tagħna u kif semmiet Ġuża hemm tliet affarijiet importanti: it-talb, is-sawm u anka l-attivita' fiżika, li inti xxandar bil-fomm tieghek dak li Ġesù Kristu jrid minnek, l-vanġelu.

Bħalma qalilna San Pawl ukoll fl-ittra lil Timotju aħna ma aħniex waħedna, ħadd ma jista' jgħid, 'jiena ma ninqalax, jiena njorant, jiena bla skola'. Alla ħares il-Kurat ta' Ars kien jirraġuna hekk għax kieku ma għandniex il-Kurat ta' Ars qaddis. Dan il-qaddis ma' kien jinqala xejn għall-iskola, pero kellu ħerqa kbira biex isir saċerdot. Naturlament biex issir saċerdot hemm ħafna snin ta' studju u dan ma kienx ilaħħaq magħhom. Minn sena għal sena kienu jgħadduh għax dak iż-żmien kellhom bżonn is-saċerdoti.

Meta ġie fl-aħħar sena skolastika biex imbagħad jgħaddi ħalli jiġi ordnat saċerdot il-professuri li kienu qegħdin jeżaminawh qalu, 'Il-knisja ma għandix bżonn ħmar bħal dan.' Il-Kurat ta' Ars meta sema' din il-kelma għolla subghajh u qal, 'Sir nista' nitkellem jien?' Qallu, ' Mela le, s'issa ma għidt xejn. ħa naraw x'ser tgħidilna.' Qalu, 'Sir, jekk Sansun b'xedaq ta' ħmar qatel ħamest elef Filistejn, mela bija ħmar sħiħ x'ser jagħmel Alla?' U aħna nafu x'għamel Alla għax il-Kurat t'Ars ikkonverta n-nofsinhar ta' Franza kollha. Dan il-bniedem illi għalkemm ma kellux skola imma kellu mħabba kbira lejn l-Ewkaristija u lejn l-kelma t'Alla.

U llejla kemm San Pawl kif ukoll Ġuża qegħdin jistednuna aħna li qegħdin ngħixu f'din id-dinja biex nagħmlu dmirna ħalli nwasslu l-imħabba kbira li Ġesù għandu lejna. Għalhekk niżel mis-sema, qrajna fl-ittra ta' San Pawl. Ġesù jrid isalva lil kulħadd u jrid jinqeda bina. U kif jinqeda bina? Billi nitolbu kif qalet Ġuża, bir-rużarju, ir-rużarju għandu qawwa kbira. Nitolbu lil Alla sabiex dawk li tbegħdu mill-Knisja jerġgħu jiġu lura, forsi bl-eżempju tajjeb tagħna jekk għandna, forsi bil-kelma t-tajba li nistgħu nagħtu, forsi b'xi sagrifiċċju li nistgħu nagħmlu. Dawn huma affarijiet sempliċi ħuti li kull nisrani jista' jagħmilhom.

Pero mbagħad hemm x'uħud li jkunu msejħin biex ixandru l-kelma t'Alla. Min iħoss din il-vokazzjoni, bħalma Ġuża ġiet mogħtija minn Ġesù Kristu stess kif qalet hi stess fil-qari, hi ma ttradit qatt din il-vokazzjoni tagħha, akkost li kienu jgħajjruha, akkost li kienu jagħmlu bsaten fir-roti. Ġuża baqgħet dejjem *steady* fil-ħajja tagħha, ixxandar din l-imħabba kbira.



Is-sigriet fejn qiegħed ħuti biex tasal biex ixxandar? ħaġa waħda. Jekk inti f'ħajtek qatt ma sperementajt din l-imħabba ta' Ġesù Kristu fik, ma tistax ixxandarha. Meta l-bniedem ikun esperimenta f'ħajtu din l-imħabba ta' Alla lejh, bħalma San Pawl fil-bidu ta l-ittra lil Timotju jiddikjarha apertament il-ħniena kbira li Alla kellu miegħu, allura iva, imbagħad tagħti ħajtek għal Ġesù Kristu bħalma Ġuża tat ħajjitha wkoll għal Ġesù Kristu.

Jalla ħuti nifhmu xi ftit dan il-ħsieb li l-Knisja trid twasslilna l-lejla biex meta nitilqu minn hawn nagħmlu li nkunu appostli fost ħutna l-insara. Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

## FACEBOOK: MADONNA TAL KONSAGRAZZJONI

Ħafna mill-qarrejja ta' dan il-Fuljett għandhom il-Facebook account tagħhom. Uħud diġa talbu li jsiru ħbieb tal-paġna Madonna tal Konsagrazzjoni u t-talba tagħhom ġiet milqugħa. Inħeġġeġ lil dawk l-oħra sabiex ukoll isiru ħbieb tal-paġna tagħna. Tajjeb li d-devoti tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni jagħmlu "Like" fuq dak li jiġi pubblikat f'din il-paġna, imma huwa mportanti wkoll li jagħmlu "Share" sabiex kulħadd jagħti s-sehem tiegħu biex dan il-messaġġ ikompli jinxtered.

Fil-Girgenti hemm hafna devozzjoni lejn il-Madonna, qed isir ħafna xogħol minn ħafna nies. Nitlob iżda l-għajnuna tagħkom sabiex dan ix-xogħol mhux biss ikompli jsir, imma wkoll ikun jidher li qed isir. Għalhekk nagħtu lkoll is-sehem tagħna sabiex niġbdu aktar nies lejn Ommna Marija li x-xewqa tagħha hi biss dik li twassalna għand binha Ġesù.

## APPELL GĦALL-INFORMAZZJONI

Matul is-snin mhux l-ewwel darba li ltqajt ma' persuni li rrakkontawli grazzji jew esperjenzi li kellhom mal-maħbuba fundatriċi tagħna Ġuża Mifsud. Jiena dejjem ħeġġiġthom sabiex dak li kienu qed jgħiduli bil-fomm iniżżluh bil-kitba u jiffirmawh. Dan iżda mhux dejjem sar.

Nerġa' nappella lil dawk li għandhom xi esperjenza x'jirrakkuntaw sabiex ma jibqgħux lura. Huwa mportanti li niġbru kemm nistgħu materjal sabiex nagħarfu l-kwalitajiet sbieħ li l-Mulej żejjen lil Ġuża bihom.

Min ma jafx jikteb jew għandu xi diffikulta oħra, huwa mħeġġeġ jagħmel kuntatt miegħi jew ma' xi membru ieħor tal-kumitat. Wieħed jista' jikkuntattjani permezz ta' l-email: sylvana.spiteri@europe.com jew jibgħat nota fl-indirizz: 6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, s-Siġġiewi. Jiena mbagħad nagħmel kuntatt ma' dawn il-persuni u nagħtihom l-għajnuna li jkollhom bżonn.

Jekk hawn min għandu kopji ta' ittri li kienet tibgħat Ġuża Mifsud lil dawk li jiktbulha napprezzaw ħafna li tgħaddulna kopja tagħhom. Grazzi.

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Fl-okkażżjoni tas-sittax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa ghar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2012 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**A Micallef mis-Siġġiewi** kitbet hekk: "Fi tfuliti kont nitla' man-nanna, għal-laqgħat ta' talb fil-Girgenti. Kienet l-hena tiegħi nistaqsi xi jfisser il-kliem tqil li jiena ta' tifla li kont, ma kontx nifhem. Il-ġabra u l-paċi li hemm il-Girgenti huma indiskrivibbli, dinja oħra.

Dak in-nhar li rajt il-programm Bijografiji fuq Ġuża Mifsud ġejt f'sensija wara li ndunajt kemm il-Madonna għamlet miegħi. ġimgħatejn qabel ma' għamilit il-preċett, fis-sena 2001 jiena kelli aċċident żgħir li kellu konsegwenzi koroh. ġara li kont qed niġri fil-kuritur u xkanajt dritt ġol-ħanek tal-bieb (ħanek tal-ġebel raff).

Ommi ġġennet x'ħin rat li wiċċi kien kollu mbenġel, b'linja taqsam minn fuq moħħi għal fuq għajnejja sa geddumi miġmugħa bid-demm, tbenġil u għajnejja minfuħa. Domt ġimgħa u nofs b'dan kollu ma' wiċċi. Prattikament kien għadu jidher frisk daqs l-ewwel ġurnata. Allura ommi flimkien man-nanna tellgħuni l-Girgenti.

Jumejn wara li għamilt l-ilma tal-Madonna ma' wiċċi, it-tbenġil għeb. ħaġa ta' l-għaġeb kif f'jumejn it-tbenġil li kien jidher frisk għeb għal kollox! Infatti fir-ritratti tal-preċett, wiċċi jidher perfett, mingħajr ebda ħjiel tad-daqqa."

**C. Garzia minn Ħal Tarxien** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' ġuza Mifsud. Tgħid li r-raġel tilef il-kartiera li fiha kellu flus u dokumenti. Talbet lil Madonna u lil Ġuża u dakinhar stess ċempillu raġel biex jgħidlu li kien sab il-kartiera tar-raġel tagħha quddiem id-dar tiegħu.

**M. Aquilina minn Ħal-Għaxaq** kitbet hekk: "Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Kont ilni nfittex post f'raħal partikolari għax it-tfal ma setgħux jidraw fejn konna. Tlabt lill-Madonna u lil Ġuża u fi żmien qasir sibt il-post fejn xtaqna. Il-problema li kelli ġiet solvuta."

**N.N. minn Ħaż-Żebbug** kitbet hekk: "Nirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qlajt bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Jiena għandi fiduċja kbira fiha, nhossha qrib tiegħi ħafna. Żewġ grazzji li għalija jfissru ħafna qlajthom ftit jiem ilu. Kelli tqala diffiċli ħafna. Tlabt lil Guza Mifsud biex inkompli t-tqala b'wiċċ il-ġid u fil fatt hekk ġara. Meta ħadt it-tarbija għall-vista, qaluli li għandha problema f'qalbha. Tlabt fuq li tlabt lil Ġuża Mifsud u meta wara tliet ijiem mort l-isptar għall-vista il-Professur qalli li ma għandha xejn gravi, kollox kien normali u li ma hemmx inkwiet. Jiena tant inħossha ħajja lil Ġuża li wegħdtha li jekk naqla xi grazzja nsemmi t-tarbija għalija. Filfatt hekk għamilt."



**R. Mifsud** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna meta binha u l-ħabiba tiegħu ħelsuha ħafif wara inċident bil-mutur.

**Teddie Cachia minn Ħaż-Żabbar** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala bl-intercessjoni ta' Ġuża Mifsud. Jgħid li f'Jannar 2002 hu qata' s-sigaretti wara li kien talab din il-grazzja lil Ġuża Mifsud. Għaddew aktar minn għaxar snin u baqa' ma jpejjipx. Jgħid li din il-grazzja qalagħha bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud għaliex kien ipprova jaqta' s-sigaretti qabel, iżda qatt ma rnexxilu. Kien biss wara li talab lil Ġuża li rnexxielu ma jpejjipx aktar.

**M. Zammit mill-Mosta** tirringrazzja lill-ħniena Divina għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.